Qalb li tinsa mhix ommija,
L-omm imħabba tgħix għat-tfal,
Tiġi l-mewt toftomha minnhom
Tibqa' tgħożż l-għadam u l-fdal.

Xidd għalhekk l-imnatar suwed,
Hu f'idejk ħodon pepprin
U mur ferrxu waħda, waħda,
Fejn jinsabu midfunin.

Dawn l-ulied li taħt ix-xfafar
Waqt tislit ta' demm u mwiet
Ħlew ħajjithom għal imħabbtek
Fl-aqwa w fl-eħrex tbatijiet.

Biex jaraw kemm għadha qalbek
Bħal pepprin, ħamra nirien,
Tħobbhom f'Għid l-Imwiet u tibqa'
Sal-ġurnata tal-qawmien.

Dan, Novembru, Malta tagħna,
Dan li fakkrek bil-pepprin :
Ma tinsiex l-ulied li mietu
B'qalb u b'fehma ta' Maltin.

## GĦADA

*Ta'* JOSEPH M. CIAPPARA

Int aktar ma tismax il-leħen ħiemed
ta' min iħossu mkasbar u għajjien ;
il-karba fqira ntilfet f'masġar sieket
u ndifnet fuq l-għoljiet u fil-widien.
Int aktar ma taqrax il-qalb li kienet
tixxennaq biex tistagħna fil-ħelsien ;
il-bieraħ miet u mar, u l-ħsieb jitwieled
għal dejjem isbaħ w ogħla milli kien.
ser nirbħu għada u għada jifraħ bina.
imżejjen bid-dafriet tal-ġiżimin,
u minn gos-sħab ser tfeġġ ix-xemx ħanina.
U għada lilna jilmaħ għalenija
inħarsu 'l fuq, nitbissmu lil xulxin :
ser nirbħu għada, w għada jifraħ bina.



# TALBA TA' OMM

*Ta'* VAL. V. BARBARA

Madonna ħelwa, nixxik ħajr li f'qalbi
Sa minn ċkuniti, f'ħoġor ommi t-twajba,
Nissiltli lejk imħabba kbira kbira;
Oħ sbejħa fost is-sbieħ, ġilju bajdani,
Kemm kont intir bil-ferħ kull meta x-xwejħa
Li tatni ismek kienet dlonk twissini
Biex bħalek inkun safja f'ruħi u f'ġismi;
Drabi kienet teħodni ħdejn ix-xbieha
Li tatni bħal tifkira mbierka tagħha,
W hemmhekk tgħidli xi ġrajja ċkejkna fuqek
Illi tkun semgħet mill-qassis f'xi prietka.
Ħelwa daqs l-għasel minn xofftejha l-kelma
Kienet tinżel ġo qalbi xħin turini
Lil Alla tfajjel, b'martell ċkejken f'idu,
Milwi fuq l-art, jaħdem salib ċkejkuni,
Fil-waqt li inti u żewġek, bl-għodda f'idkom,
Tieqfu għal ftit mill-ħidma lieżma tagħkom,
U tħarsu lejh mistagħġba, b'dell ta' niket
F'għajnejkom.

Waħdi, jiena wkoll kont nieqaf
Inħares lejk, xbieħa li tatni ommi,
Kemm sliem fil-għaqda tal-Familja Mqaddsa.
Qalb waħda fi tliet iġsma hienja u nodfa!
F'dak l-għomor tiegħi żgħir dlonk kont ngħix f'ħolma
Ta' ferħ u għaxqa, u fiha kont nistħajjel
Qed nara lilek, mara wisq żagħżugħa,
Taħdem u tagħnet, tħit, issajjar, tnaddaf;
Ġużeppi, raġel sbejjaħ, medhi f'xogħlu,
Jisserra jew jinċana, isammar, jiżbogħ;
Xi drabi jersaq lejk u jerħi f'idek
Dik ix-xi ħaġa ċkejkna li jkun daħħal
Bl-għaraq ta' ġbinu; Ġesù igħinu, inewwel,
Jew jaqdi lilek, jew fil-bitħa għax-xmejxa
Jilgħab biż-żrar inkella b'xi ħaġ'oħra;
Ħolma tal-ġenna li, wisq naħseb, fiha
Tnisslet ix-xewqa illi bħalek ngħammar,